

31996L0083

L 48/16

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

19.2.1997

ID-DIRETTIVA 96/83/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**tad-19 ta' Diċembru ta' l-1996****li temenda d-Direttiva 94/35/KE dwar sustanzi li jagħtu ħlewwa għall-użu f'oġġetti ta' l-ikel**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100a tiegħu,

Wara li kkunsidraw id-Direttiva tal-Kunsill 89/107/KEE tal-21 ta' Diċembru ta' l-1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw l-addittivi ta' l-ikel awtorizzati għall-użu fl-oġġetti ta' l-ikel maħsuba għall-konsum mill-bniedem⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni;

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali⁽²⁾,

Filwaqt li jaġixxu bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 189b tat-Trattat⁽³⁾,

Billi mill-adozzjoni tad-Direttiva 94/35/KE⁽⁴⁾ kien hemm żviluppi tekniċi fl-isfera tas-sustanzi li jagħtu l-ħlewwa;

Billi d-Direttiva għandha tkun addattata sabiex tiegħu kunsiderazzjoni ta' dawn l-iżviluppi;

Billi l-Kumitat Xjentifiku għall-Ikel stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/273/KE⁽⁵⁾ kien ikkonsultat qabel l-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet li setgħu jkollhom effett fuq is-saħħa pubblika,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Id-Direttiva 94/35/KE hija hawnhekk emendata kif ġej:

1. il-paragrafu li ġej għandu jkun miżjud mal-Artikolu 1:

"5. Din id-Direttiva għandha tapplika ukoll għall-oġġetti ta' l-ikel korrispondenti intiżi għall-użu ta' nutrizzjoni partikolari fid-definizzjoni tad-Direttiva 89/398/KEE.;"

2. L-Artikolu 2 għandu jkun emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

"3. Sustanzi li jagħtu l-ħlewwa ma jstgħux jintużaw fl-ikel għat-trabi u tfal żgħar kif hemm referenza għalih fid-Direttiva 89/398/KEE, inkluż l-ikel għat-

trabi u t-tfal żgħar li mhumiex fsahhithom, sakemm mhux stabbilit mod ieħor fid-dispożizzjonijiet speċifiċi.;"

(b) il-paragrafu li ġej għandu jkun miżjud:

"5. Fl-Anness "quantum satis" ifisser li l-ebda livell massimu ma hu speċifikat. Madankollu, sustanzi li jagħtu l-ħlewwa għandhom jintużaw in konformità mal-prattika tajba tal-manifattura, flivell ta' doża mhux aktar minn dak meħtieġ sabiex jikseb l-għan intiż u basta li l-konsumatur ma jkunx ingannat.;"

3. l-Artikolu li ġej għandu jkun miżjud:

"L-Artikolu 2a

Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet l-oħra tal-Komunità, il-preżenza tas-sustanzi li jagħtu l-ħlewwa fl-oġġetti ta' l-ikel hija permissibbli:

— fl-oġġetti ta' l-ikel komposti mingħajr zokkor miżjud jew bl-enerġija mnaqqa, fl-oġġetti ta' l-ikel komposti djetarji intiżi għal dieta b'kaloriji baxxi u fl-oġġetti ta' l-ikel komposti li għandhom żmien twil għall-użu tagħhom, apparti minn dawk imsemmija fl-Artikolu 2(3), sakemm is-sustanzi li jagħtu l-ħlewwa huma permissibbli f'xi wieħed mill-ingredjenti ta' l-oġġetti ta' l-ikel kompost, jew

— jekk l-oġġetti ta' l-ikel huwa intiż sabiex ikun użat biss fil-preparazzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel kompost li huwa konformi ma' din id-Direttiva.;"

4. il-kategorija 'Vitamins u preparazzjonijiet djetarji' fl-Anness għandu jingħata isem ġdid "Supplimenti ta' l-ikel/integraturi tad-dieta bbażati fuq il-vitamins u/jew elementi minerali, ta' tip ta' xiopp jew li tista' tomgħod.;"

5. il-lista fl-Anness għandha tkun issupplimentata bit-tabella fl-Anness ta' din id-Direttiva.

L-Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom, fejn meħtieġ, jemendaw l-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi tagħhom, sabiex:

(1) ĠU L 40, tal-11.2.1989, p. 27. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 94/34/KE (ĠU L 237, ta' l-10.9.1994, p. 1).

(2) ĠU C 174, tas-17.6.1996, p. 1.

(3) L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Marzu ta' l-1996 (ĠU C 96, ta' l-1.4.1996, p.24). Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju ta' l-1996 (ĠU C 315, ta' l-24.10.1996, p.12) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru ta' l-1996 (ĠU C 347, tat-18.11.1996). Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru ta' l-1996.

(4) ĠU L 237, ta' l-10.9.1994, p. 3.

(5) ĠU L 167, tat-18.7.1995, p. 22.

- jawtorizzaw il-kummerċ fi prodotti li jkunu konformi ma' din id-Direttiva, sa mhux aktar tard mid-19 ta' Diċembru ta' l-1997
- jipprojbixxu l-kummerċ fi prodotti li ma jkunux konformi ma' din id-Direttiva mid-19 ta' Ġunju ta' l-1998. B'dana kollu, l-prodotti mqiegħda fis-suq jew ittikkettjati qabel dik id-data li ma jkunux konformi ma' din id-Direttiva jistgħu jkunu kkummerċjalizzati sakemm il-ħażniet ikunu eżawriti.

Għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi għall-għamla ta' tali referenza għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

L-Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-seba' jum mill-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Diċembru 1996.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

K. HÄNSCH

Għall-Kunsill

Il-President

S. BARRETT

L-ANNEX

Nota:

1. Għas-sustanza E952, aċidu ċiklamiku u l-imluħ Na u Ca tiegħu, id-dożi massimi li jistgħu jintużaw huma mfissra faċidu liberu.
2. Għas-sustanza E952, iz-zakkarina u l-imluħ Na, K u Ca tagħha, id-dożi massimi li jistgħu jintużaw huma mfissra fimide libera.

Nru-E	Isem	Oġġetti ta' l-ikel	Doża massima li tista' tkun użata
E950	Acesulfame K	<ul style="list-style-type: none"> — ċereali tal-kollazzjoni b'kontenut ta' fibra ta' mhux aktar minn 15 %, u li jkun fihom mill-anqas mill-anqas 20 % qxur, b'enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud — sopop b'enerġija mnaqqsa — hlewviet żgħar ħafna għal nifs rifreskanti, mingħajr zokkor miżjud — birra b'enerġija mnaqqsa — xorb li jkun fih taħlita ta' xorb mhux alkoħoliku u birra, <i>cider</i>, <i>perry</i>, spirti jew inbejjed — spirti li jkun fihom anqas minn 15 % ta' alkoħol fil-volum — kornetti u wejfers, għall-ġelati, mingħajr zokkor miżjud — heġu tad-dolċiera fil-għamla ta' pilloli b'enerġija mnaqqsa — <i>Feinkostsalat</i> — <i>Eßblaten</i> 	<ul style="list-style-type: none"> 1 200 mg/kg 110 mg/l 2 500 mg/kg 25 mg/l 350 mg/l 350 mg/kg 2 000 mg/kg 500 mg/kg 350 mg/kg 2 000 mg/kg
E 951	Aspartame	<ul style="list-style-type: none"> — ċereali tal-kollazzjoni b'kontenut ta' fibra ta' mhux aktar minn 15 %, u li jkun fihom qxur ta' mill-anqas 20 %, b'enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud — sopop b'enerġija mnaqqsa — hlewviet żgħar ħafna għal nifs rifreskanti, mingħajr zokkor miżjud — mustardini għall-grieżem b'toġhma qawwija mingħajr zokkor miżjud — birra b'enerġija mnaqqsa — xorb li jkun fih taħlita ta' xorb mhux alkoħoliku u birra, <i>cider</i>, <i>perry</i>, spirti jew inbejjed — spirti li jkun fihom anqas minn 15 % ta' alkoħol fil-volum — <i>Feinkostsalat</i> 	<ul style="list-style-type: none"> 1 000 mg/kg 110 mg/l 6 000 mg/kg 2 000 mg/kg 25 mg/l 600 mg/l 600 mg/kg 350 mg/kg
E 952	Aċidu ċiklamiku u l-imluħ Na u Ca tiegħu	<ul style="list-style-type: none"> — xorb li jkun fih taħlita ta' xorb mhux alkoħoliku u birra, <i>cider</i>, <i>perry</i>, spirti jew inbejjed — hlewviet żgħar ħafna għal nifs rifreskanti, mingħajr zokkor miżjud — supplimenti ta' l-ikel/integrazzjonijiet tad-dieta bbażati fuq il-vitamiġni u/jew elementi minerali, tip-ta-xirop jew li jistaw jkunu mimgħuda 	<ul style="list-style-type: none"> 250 mg/l 2 500 mg/kg 1 250 mg/kg

Nru-E	Isem	Oġġetti ta' l-ikel	Doża massima li tista' tkun użata
E954	Zakkarina u l-imluħ Na, K u Ca tagħha	<ul style="list-style-type: none"> — ċereali tal-kollazzjoni b'kontenut ta' fibra ta' mhux aktar minn 15 %, u li jkun fihom qxur ta' mill-anqas 20 %, b'enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud — sopop b'enerġija mnaqqsa — hlewviet żgħar ħafna għal nifs rifreskanti, mingħajr zokkor miżjud — xorb li jkun fih taħlita ta' xorb mhux alkoħoliku u birra, <i>cider</i>, <i>perry</i>, spirti jew inbejjed — spirti li jkun fih anqas minn 15 % ta' alkoħol fil-volum — kornetti u wejfers, għall-ġelati, mingħajr zokkor miżjud — <i>Feinkostsalat</i> 	<ul style="list-style-type: none"> 100 mg/kg 110 mg/l 3 000 mg/kg 80 mg/l 80 mg/l 800 mg/kg 160 mg/kg
E 957	Thaumatina	<ul style="list-style-type: none"> — Gelati ta' l-ikel, b'enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud 	50 mg/kg
E 959	Neohesperidine DC	<ul style="list-style-type: none"> — ċereali tal-kollazzjoni b'kontenut ta' fibra ta' mhux aktar minn 15 %, u li jkun fihom qxur ta' mill-anqas 20 %, b'enerġija mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud — sopop b'enerġija mnaqqsa — hlewviet żgħar ħafna għal nifs rifreskanti, mingħajr zokkor miżjud — supplimenti ta' l-ikel/integrazzjonijiet tad-dieta bbażati fuq il-vitamiġni u/jew elementi minerali, tip-ta-xirop jew li jistaw jkunu mimgħuda — xorb li li jkun fih taħlita ta' xorb mhux alkoħoliku u birra, <i>cider</i>, <i>perry</i>, spirti jew inbejjed — spirti li jkun fihom anqas minn 15 % ta' alkoħol fil-volum — kornetti u wejfers, għall-ġelati, mingħajr zokkor miżjud — <i>Feinkostsalat</i> — birra b'enerġija mnaqqsa — formuli kompluti u supplimenti nutrittivi għall-użu taħt superviżjoni medika — “<i>snacks</i>: ċerti toġhmiet huma lesti għall-ikel, ippakkjati minn qabel, xotti, prodotti tal-lamtu b” toġhma tajba u ġewż miksi 	<ul style="list-style-type: none"> 50 mg/kg 50 mg/l 400 mg/kg 400 mg/kg 30 mg/l 30 mg/kg 50 mg/kg 50 mg/kg 10 mg/kg 100 mg/kg 50 mg/kg